**REGJUN XLOKK**
VALLETTA, BIRGU, ISLA, BORMLA, HAZ-ZABBAR, ZEJTUN, FGURA, FLORIANA, KALKARA, MARSA, MARSASKALA, MARSAXLOKK, PAOLA, HAL-TARXIEN, XGHAJRA.

# MINUTI

## Laqgħa tar-Regjun Xlokk

**Laqgħa Nru. 36/2020 tat-Tielet Amministrazzjoni**

Data: 29 ta' Jannar 2020

Ħin: 17.30

Post: Ufficcju Amministrattivi tar-Regjun Xlokk, f' 97 Triq Santa Marija, Tarxien.

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Chev Paul Farrugia** | President | Reġjun Xlokk | PREŻENTI |
| **Sur Marco Agius** | Viċi Sindku | Kunsill Lokali Bormla | PREŻENTI |
| **Sur Chris Cassar** | Viċi Sinsku | Kunsill Lokali Birgu | PREŻENTI |
| **Sur Pierre Dalli** | Sindku | Kunsill Lokali Fgura | PREZENTI |
| **Sra Daviva Sammut Hili** | Sindku | Kunsill Lokali Floriana | PREŻENTI |
| **Sur Clive Pulis** | Sindku | Kunsill Lokali Isla | PREŻENTI |
| **Sur Wayne Aquilina** | Sindku | Kunsill Lokali Kalkara | PREZENTI |
| **Sur Josef Azzopardi** | Sindku | Kunsill Lokali Marsa | PREŻENTI |
| **Sur Steven Grech** | Sindku | Kunsill Lokali M'xlokk | PREZENTI |
| **Sur Charlot Mifsud** | Kunsillier | Kunsill Lokali M'skala | PREŻENTI |
| **Sur Neville Camilleri** | Kunsillier | Kunsill Lokali Paola | PREŻENTI |
| **Sur Joseph Abela Galea** | Sindku | Kunsill Lokali Tarxien | PREZENTI |
| **Sur Ray Azzopardi** | Viċi Sindku | Kunsill Lokali Valletta | PREZENTI |
| **Sur Neil Attard** | Sindku | Kunsill Lokali Xgħajra | ASSENTI |
| **Sur Jorge Grech** | Sindku | Kunsill Lokali Zabbar | PREZENTI |
| **Sinj. M. Doris Abela** | Sindku | Kunsill Lokali Zejtun | SKUZAT |
| **Sna Antonella Galea** | Segretarju Eżekuttiv | Reġjun Xlokk | PREŻENTI |

**AĠENDA**

36.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

36.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

36.3 Komunikazzjoni mill-President;

36.4 Kuntratt tad-Dawl – Sejħa għal Tender Reġjonali ġdid;

36.5 Aġġudikar tat-Tender tar-Reġjun *"PROVISION OF A MOBILE RESPONSIVE WEBSITE*" – Bord tal-Għazla;

36.6 Vakanza ta' Deputat Reġistratur ma' Tribunal Xlokk – Bord għall-Intervisti;

36.7 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tar-Rappreżentanti;

36.8 Rapporti – *Performance Bonus għas-sena 2019:-*

- *Segretarju Eżekuttiv*
- *Reġistratur*
- *Asst. Skrivan 1*
- *Asst. Skrivan 2*

36.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti Nru. 100/2020;

36.10 Mozzjonijiet;

36.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**TALBA**
**Il-President qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.**

## 36.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġijia

Ittri ta' Apoloġija

i. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kumitat Reġjonali Xlokk li kienu l-Kunsilli Lokali Zejtun li bgħatu notifika sabiex ikunu skużati għal din il-laqgħa.

ii. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw dawn in-notifiki ta' apoloġiji mingħand il-Kunsilli Lokali Zejtun.

## 36.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Iffirmar Minuti

i. Il-President staqsa jekk l-Minuti numru 35/2019 setawx jiġu kkunsidrati bħala moqrija u talab l-approvazzjoni tal-Kunsill Reġjonali Xlokk.

Sadanittant il-Minuti 35/2019 ġew iffirmati mill-President u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 36.3 Komunikazzjoni mill-President

**i.** Il-President nforma lill-Kunsill Reġjonali Xlokk li hekk kif kien irraporta fil-laqgħat preċedenti l-LESA kienet għada mhix qed tħallas r-*running costs* imma kienet għadha qed tirrifondi biss is-salarji. LESA

**i.i.** Żied jgħid il-President ukoll li anke dwar l-invoices li konna għaddejnilhom ma konna għadna ma smajna xejn iktar mill-LESA.

**ii.** Il-President informa lis-Sinjuri Membri li l-ħaddiema tal-RSSL assenjati mar-Reġjun Xlokk bħalissa kienu qegħdin Ħaż-Żabbar u l-Fgura. Ħaddiema RSSL assenjati mar-Reġjun Xlokk

**ii.i** Reġa thenna wkoll sabiex min jagħmel użu mis-servizz ta' dawn il-ħaddiema jaraw li jqabduhom xogħol ta' ċertu livell għaliex dawn il-ħaddiema huma kollha ħaddiema tas-sengħa. Talabhom ukoll il-President li jibgħatu lil dan l-uffiċċju kemm ir-rassenja kif ukoll xi ritratti tax-xogħol magħmul għaliex l-Aġenzija kienet qed titlobhom. Avża lill-Membri li kull min ried jagħmel użu mis-servizz ta' dawn il-ħaddiema kellu jibgħat email lir-Reġjun sabiex dan l-uffiċċju jkun f'pożizzjoni li jqassam l-iskeda għal dawn il-ħaddiema.

**iii.** Il-President Paul Farrugia nforma lis-Sinjuri Membri li hekk kif kien irrapurtat lilhom fil-laqgħat preċedenti dwar l-art fejn kien qed ikun propost li kellha tinbena r-Reachout Centre, permezz tal-Perit tar-Reġjun għall-proġett, konna qed nissottomettu l-kjarifiki neċessarji u mitluba kemm min-naħa tal-Lands kif ukoll mill-PA. ART - Reachout Centre

**iv.** Il-President nforma lis-Sinjuri membri li dwar il-problema bl-inkartament tat-Tribunal Lokali konna rċevejna kwotazzjoni mingħand il-Kumpanija RENTASTORE fejn dawn kienu qed joffru servizz ta' żamma tal-karti fl-istores tagħhom għal valur ta' €3600 fis-sena. Storage garaxx B'bugia u trbunal Żejtun

Żied jgħid il-President li dwar dan aħna nfurmajna lill-LESA fejn tlabnihom li kieku r-Reġjun Xlokk kellu jidħol għal tali offerta jekk bħala LESA kienux ser jirrifondu xorta waħda din l-ispiża. Id-Direttur tal-LESA kien wieġeb li bħalissa ma kienx f'pożizzjoni li jikkonferma jew le u dan għaliex bħala LESA kienu għad iridu jiltaqgħu mal-Ministru l-ġdid u jikkonfermaw kollox miegħu.

**iv.i** Saret diskussjoni mill-Membri u unanimament ġie deċiż li ladarba m'għandniex konferma min-naħa tal-LESA, ir-Reġjun Xlokk ma kellux jaċċetta l-proposta mingħand il-Kumpanija RENTASTORE imma kellu jibqa jħallas il-kera għal żewġ garaxxijiet ġewwa Ħal Tarxien u jżomm l-inkartament kollu hemmhekk u dan għaliex il-valur tal-kera ta' dawn iż-żewġ garaxxijiet kienet irħas mill-proposta ta' RENTASTORE.

**v.** Il-President Paul Farrugia spjega li fir-rigward ta' uffiċini ġodda sabiex jibda jopera t-Tribunal Xlokk minnflokk miż-Zejtun konna għadna qegħdin naħdmu sabiex tinħareġ expression of interest sabiex jinstab post alternattiv hekk kif maqbul unanimament mil-Membri fil-laqgħat preċedenti. *Kundizzjoni tal-bini tat-Tribunal Lokali Xlokk ġewwa ż-Żejtun*

**vi.** Il-President Paul Farrugia nforma lis-Sinjuri Membri li kienu biss il-Kunsill Lokali Ħal Tarxien li m'aċċettawx l-offerta tar-Reġjun Xlokk li jirrifondi l-ispejjeż kollha ta' tlett bins għal-loqom tas-sigaretti u/jew chewing gum. Għaldaqstant il-President Paul Farrugia staqsa jekk kienx hemm xi Kunsill Lokali ieħor fost l-14 l-oħra għajr Ħal Tarxien li xtaqu jakkwistaw bin ieħor li kien ser jiġi kompletament rifuż mir-Reġjun Xlokk u jekk fl-affermattiv dawn kellhom jibgħatu email lir-Reġjun Xlokk fejn jesprimu tali interess. Żied jgħid li f'każ li jkun hemm aktar minn 3 Kunsilli Lokali fost l-14, dawn allura kienu ser jitilgħu bil-polza fil-laqgħa li jmiss. *Bins – loqom tas-sigaretti*

**vii.** Il-President Paul Farrugia talab lis-Sinjuri Membri biex bħala preparamenti għat-tender tal-iskart li ser tinħareġ 2022, jgħaddulna aktar dettalji bħal kundizzjonijiet u per eżempju tip u qies ta' vetturi għal ġbir ta' skart u dan sabiex inkunu nistgħu ninkludhom għad-diskussjoni. *Tender Reġjonali - skart*

**viii.** Il-President Paul Farrugia nforma lis-Sinjuri Membri li minn informazzjoni li kellu bħala Viċi President tal-AKL dalwaqt kienu ser jibdew id-dispensers tal-fliexken tal-plastic. *Dispensers tal-Plastik*

**ix.** Il-President informa lill-membri li l-Arts Council Malta kienet nehdiet proġett bl-isem ta' CREATE 2020 – INVESTING IN CULTURAL AND CREATIVE CAPACITY SKILLS IN MALTA'S PUBLIC SECTOR, fejn kienet qed titlob kollaborazzjoni sabiex dan il-proġett jiġi mplimentat fost il-Kunsilli Reġjonali kif ukoll il-Kunsilli Lokali. Il-President talab il-kollaborazzjoni tal-Kunsilli Lokali f'dan ir-rigward sabiex jikkonsultaw mal-Arts Council Malta dwar attivitajiet kulturali fil-lokalitajiet rispettivi. *Arts Council malta*

**x.** Il-President informa lis-Sinjuri Membri li kienet intbgħatet ittra lill-Ministeri kollha sabiex min kien interessat setgħa jakkwista xi kopji mill-kotba ppubblikati mir-Reġjun Xlokk u fil-fatt kienu diġa diversi Ministeri li akkwistaw xi kopji. *Kotba – Reġjun Xlokk*

**xi.** Il-President talab lis-Sinjuri membri sabiex jinfurmawna kemm il-household għandhom kull Kunsill Lokali fil-lokalita'. *Households fil-lokalitajiet*

**xii.** Il-President fakkar lis-Sinjuri Membri sabiex kull min kien interessat kellu jagħmel komunikat mad-Diretturi tal-Klinika speċjalizzata għall-pazjenti bid-DIMENTIA fejn dawn kienu qed joffru xi *vouchers* għal xi siegħat b'xejn għal familjari residenti fil-lokalitajiet rispettivi fi ħdan ir-Reġjun Xlokk.

Voucher għall-persuni bid-Dimentia ġewwa l-lokalitajiet fi ħdan ir-ReġjunXlokk

**xiii.** Għal din il-laqgħa tar-Reġjun Xlokk kien hemm prezenti Dr Malcolm Borg – Heritage Ent LTD li huwa l-Konsulent tar-Reġjun Xlokk għall-fondi tal-UE. Żied jispjega l-President is-Sur Paul Farrugia li bħala parti mir-riforma r-Reġjuni riedu joffru lill-Membri fi ħdanhom is-servizz ta' tali Konsulent sabiex jittappja fondi tal-UE.

Konsulent fondi UE – Dr Malcolm Borg

**xiii.i** Dr Malcolm Borg ta spjega dettaljata fuq x'tip ta' servizzi setgħa joffri l-għajnuna tiegħu dwarhom. Talab lis-Sinjuri membri biex kul min kellu bżonn xi tip ta' għajnuna dwar is-suġġett kellu jagħmel kuntatt mar-Reġjun u jkun ir-Reġjun li jressaq id-dettalji tal-Kunsill Lokali rispettiv lilu.

**xiii.ii** Is-Sur Josef Azzopardi - Sindku Kunsill Lokali Marsa staqsa jekk kienx possibli li perjodikament Dr Borg jibgħat jinforma fuq l-open calls/programmi tal-UE li jkunu ser jinfetħu.

**xiii.ii.i** Dr Borg wieġeb li kien ser jagħmel mezz li jżomm lir-Reġjun Xlokk aġġornat b'tali dettalji sabiex imbagħad ir-Reġjun Xlokk jgħaddihom lill-membri.

**xiii.iii** Is-Sur Ray Azzopardi Viċi Sindku għal-Kunsill Lokali Valletta staqsa jekk ir-Reġjun Xlokk kienx ser ikun qed joffri dan is-servizz ta' Konsulenza b'xejn għall-Kunsilli Lokali membri billi jassorbi l-ispejjeż kollha hu bħala Reġjun Xlokk?

**xiii.iii.i** Il-President Paul Farrugia kkonferma li l-ispejjeż kollha ta' Konsulenza offruti minn Dr Malcolm Borg lill-Kunsilli Lokali membri kienu ser jiġu assorbiti kompletament mir-Reġjun Xlokk.

## 36.4 Kuntratt tad-Dawl – Sejħa għal Tender Reġjonali ġdid;

**i.** Il-President nforma lis-Sinjuri Membri li t-tender tat-tiswija tad-dawl tat-toroq kien skada u għaldaqstant issa wasal iż-żmien li jerġa jinħareġ. F'dan ir-rigward talab lis-sinjuri membri sabiex kull Kunsill Lokali kellu jibgħat email fejn jindika jekk il-Kunsill Lokali tiegħu kienx ser jissieħeb u tinħareġ tender waħda b'mod Reġjonali.

## 36.5 Aġġudikar tat-Tender tar-Reġjun *"PROVISION OF A MOBILE RESPONSIVE WEBSITE"* – Bord tal-Għażla;

Fondi kulturali LESA

Il-President Paul Farrugia nforma lis-Sinjuri Membri li fir-rigward tal-iskema ta' FONDI KULTURALI bħala tqassim tas-surplus mill-LESA, kienet ħarġet it-tender għall-Website għar-Reġjun Xlokk u li issa ladarba s-sejħa għalqet u kienu ġew sottomessi 7 offerti kien jinħtieġ li jiġi ffurmat Bord tal-Għażla. Saret diskussjoni mis-Sinjuri Membri u unanimament ġie deċiż li dan il-BORD ikun kompost mil-President Paul Farrugia bħala Chairman, mis-Segretarju Eżekuttiv Sna Antonella Galea bħala Segretarju tal-Bord filwaqt li bħala membri ta' dan il-Bord kienu ser ikunu s-Sur Ray Azzopardi Viċi Sindku Kunsill Lokali Belt Valletta u mis-Sur Clive Pulis Sindku Kunsill Lokali Isla. Membru tal-Bord fuq in-naħa teknika kien ser ikun is-Sur Omar Hili.

Kompożizzjoni Bord tal-Għażla

## 36.6 Vakanza ta' Deputat Reġistratur ma' Tribunal Xlokk – Bord għall-Intervisti

Vakanza Deputat Reġistratur

i. Il-President informa lis-Sinjuri Membri li ladarba s-sejħa għall-vakanza ta' Deputat Registratur mar-Reġjun Xlokk kienet għalqet u kienet daħlet applikazzjoni waħda biss, issa kien imiss li jinħatar l-*Interviewing Bord*. Wara diskussjoni bejn il-membri, bi qbil unanimu ġie deċiż li dan il-Bord ikun kompost mill-President Paul Farrugia bħala Chairman, mis-Segretarju Eżekuttiv s-Sna Antonella Galea bħala Segretarju tal-Bord kif ukoll bħala membri kienu ser ikunu s-Sra Davina Sammut Hili Sindku Floriana flimkien mal-Kunsillier Charlot Mifsud Kunsill Lokali M'skala.

## 36.7 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tar-Rappreżentanti

POOL Segretarji Eżekuttivi

**i.** Is-Sra Davina Sammut Hili Sindku Kunsill Lokali Floriana talbet sabiex jekk inhu possibli r-Reġjun Xlokk jintervjeni billi jressaq proposta anke lill-Assoċjazzjoni għall-Gvern Lokali sabiex meta minn fost il-POOL għas-Segretarji Eżekuttivi Prospettivi ma jinstabx il-kandidat idejali, il-Kunsilli Lokali jingħataw il-possibilita' li jinħarġu sejħiet miftuħa għall-pubbliku in ġenerali dejjem bil-patt u l-kundizzjoni li jintalbu r-rekwiżiti neċessarji u hekk elenkati fil-liġi sabiex jinħatar Segretarju Eżekuttiv ma' Reġjun u/jew ma' Kunsill Lokali. Żiedet tgħid is-Sra Sindku li dan kienet qed titolbu għaliex huma bħala Kunsill Lokali Floriana fil-mument kienu għaddejjin minn tali problema.

**i.i** Il-President Paul Farrugia wieġeb li kien ser iressaq dan is-suġġeriment b'mod formali lill-President tal-Assoċjazzjoni għall-Gvern Lokali s-Sur Mario Fava.

**ii.** Is-Sindku Joseph Abela Galea staqsa direttament lill-President is-Sur Paul Farrugia dwar x'inhu propost li jsir fuq l-art fi Triq Ħal Luqa fejn permezz ta' mozzjoni mgħoddija u maqbula unanimament l-Ex Amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali Tarxien kienet unanimament qablet li din il-biċċa art fi Triq Ħal Luqa tgħaddi lir-Reġjun Xlokk sabiex fuqha jibni Reachout Centre. Il-President Paul Farrugia wieġeb li din il-materja kienet ilha li ġiet diskussa f'fażi reġjonali u qal li saħansitra kien tħalla file bid-dokumentazzjoni kollha ġewwa l-bini tal-Kunsill Lokali Tarxien qabel ma hu kien temm is-Sindikat tiegħu f'Ġunju 2019. Żied jgħid il-President Paul Farrugia li ebda Amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali ma kienet għamlet xejn fuqha anzi din l-art tħalliet żdingata u mitluqa. Hawnhekk qam battibekk bejn il-President Paul Farrugia u Sindku Joseph Abela Galea għaliex dan tal-aħħar qal li bi dritt ried ikun jaf ċar u tond il-Kunsill Lokali ta' Ħal Tarxien x'kien ser jiggwadanja minn dan il-proġett tar-Reġjun Xlokk apparti li żied jgħid ukoll li kien qed jesiġi li r-Reġjun Xlokk tħallas għall-art u għal dak kollu li l-Kunsill Lokali Tarxien kien ħallas relatat ma' din il-biċċa art. Hawnhekk is-Segretarju Eżekuttiv gibdet l-attenzjoni tas-Sindku Joseph Abela Galea u tas-Sinjuri Membri li dak iż-żmien il-Kunsill Lokali kien ħallas għall-fatturi tal-Perit biex kien issottometta proġett li pero il-Kunsill Lokali, Amministrazzjoni wara l-oħra qatt ma kien wettaq u kif diġa kien intqal din l-art tħalliet mitluqa. Hawnhekk is-Sindku Joseph Abela Galea dahar fuq is-Segretarju Eżekuttiv u qalilha "int għalaq ħalqek u għoqod hemm". Hawnhekk il-President indirizza lis-Sindku Joseph Abela Galea u qallu biex jikkontrolla t-ton ta' kliemu u jara li jindirizza lis-Sna Segretarju Eżekuttiv bħan-nies għaliex dik hija s-Segretarju Eżekuttiv u kellha dritt titkellem għaliex hija kienet firmatarja miegħu.

Sadanittant żied jgħid il-President li dan il-każ kien deċiż u magħluq u dan għaliex l-art kienet għaddiet b'devoluzzjoni mingħand Lands Department mill-Kunsill Lokali ta' Tarxien għal għand ir-Reġjun Xlokk u anke kienet għaddiet mozzjoni maqbula unanimament mill-Kunsill Lokali Tarxien.

**ii.i** Il-Vici Sindku Ray Azzopardi Kunsill Lokali Valletta staqsa jekk allura s-Sindku ta' Ħal Tarxien kienx qed jippretendi li l-Kunsill Lokali Ħal Tarxien kellux jibbenefika aktar mill-14 Kunsill Lokali ieħor fir-Reġjun Xlokk peress li l-art fil-passat kienet devoluta lill-istess Kunsill Lokali Tarxien għaliex jekk dan kien il-każ huwa kien ser joġġezzjona bi kbir għaliex ir-Reġjun Xlokk kien iffurmat minn 15 il-lokalita' ugwalment mingħajr preferenzi ta' ebda tip.

**ii.ii** Hawnhekk Josef Azzopardi Sindku Kunsill Lokali Marsa stqarr li fil-verita' xtaq li kieku dan il-proġett tar-Reġjun Xlokk għal bini ta' Reachout Centre kien fil-konfini tal-Marsa għaliex bħala lokalita' tal-Marsa mnalla li kien hemm il-Marigold Foundation fil-viċinanzi għaliex kienu qed jippermettulhom li jagħmlu użu mill-binja tagħhom flimkien mal-użu tas-servizzi tagħhom.

**ii.iii** Hawnhekk il-President iddikjara li dan il-każ huwa deċiż u magħluq u li ma kienx lest li jerġa jiddiskutih b'ħela ta' ħin b'detriment għall-kumplament tas-Sinjuri Membri.

**36.8 Rapporti – *Performance Bonus għas-sena 2019:-*** Performance Bonuses tal-Impjegati għas-sena 2019

- ***Segretarju Eżekuttiv***
- ***Reġistratur***
- ***Asst. Skrivan 1***
- ***Asst. Skrivan 2***

**i.** Il-President informa lis-Sinjuri membri li kienu qed jitressqu 4 Performance Appraisals għas-sena 2019 li kienu dak tas-Segretarju Eżekuttiv fejn kien qed jipproponi li din tingħata r-rata ta' 10%, flimkien ma dawk tar-Reġistratur u ż-żewġ Assistenti Skrivani fejn għal dawn it-3 kien qed jipproponi li jingħataw 6% kull wieħed.

Is-Sur Ray Azzopardi Viċi Sindku Kunsill Lokali Belt Valletta ssekonda lill-President Paul Farrugia.

**i.i** Saret diskussjoni mis-Sinjuri Membri kollha fejn unanimament ilkoll qablu li s-Segretarju Eżekuttiv jingħata 10%, filwaqt li t-3 impjegati jingħataw kull wieħed 6%.

**i.ii** Is-Segretarju Eżekuttiv f'isimha u f'isem l-impjegati kollha rringrazzjat lill-President u lis-Sinjuri Membri.

**36.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti Nru.99/2019**

**i.** L-Iskeda tal-Pagamenti 100/2020 ġiet approvata u ġiet iffirmata wkoll minn żewġ membri tal-Kunsill Reġjonali Xlokk, mill-President u mis-Segretarju Eżekuttiv.

ii. Il-President informa lill-Kumitat li kienu għadhom qed jinħarġu u jintbgħatu xi pagamenti nkluż l-10% tal-LES dovuti lill-Kunsilli Lokali. Il-Kumitat preżenti unanimament approva li jinħarġu u jintbgħatu dawn il-pagamenti speċjalment l-10% dovuti lill-Kunsilli Lokali.

**36.10 Mozzjonijiet**

i. Ma kienx hemm Mozzjonijiet imressqa sa mhux iktar tard minn 6 ijiem mid-data ta' din il-laqgħa.

**36.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

i. Il-laqgħa ntemmet fi 19:00hrs.

ii. Laqgħa oħra kienet ser tinżamm nhar it-Tlieta 18 ta' Frar 2020 fil-5:30pm.

*(Iffirmata)*

*Kav. Paul Farrugia*
*President*

*(Iffirmata)*

*Antonella Galea*
*Segretarju Eżekuttiv*